

# L-GĦAQDA TAL-MUŻIKA SAN GEJTANU

## Storja u Oriġini



*kitba ta'*
*Alfie Guillaumier M.Q.R.*

Ma tistax tgħid storja li ġrat aktar minn mitt sena ilu, bla ma żżomm quddiem għajnejk iċ-ċirkostanzi ta' dak iż-żmien, u l-mod ta' ħsieb li kien iħaddan il-poplu f'dik l-era. Kemm iċ-ċirkostanzi u kemm il-ħsieb tal-poplu li dejjem jgħid tiegħu skont ħsiebu, iħallu t-timbru fuq dak li jseħħ. L-istess dawn kellhom sehem importanti fuq kif żviluppat il-ġrajja ta' twelid l-Għaqda tal-Mużika San Gejtanu.

Il-mentalità tal-poplu kienet differenti wisq minn dik tallum. Ħafna nies kienu bla skola u l-affarijiet wisq drabi kienu jittieħdu fuq dak li kien jgħaddi minn fomm għal fomm, u anki fuq dak li kien ikun mistħajjel. Wisq drabi ċerti fatti kienu jitkabbru u jitgħawġu, u dan dejjem skont min ikun jgħidhom. Minn hawn se nipprova niċċara ċerti diffikultajiet li forsi baqgħu imċajpra għal dawk li jixtiequ jkunu jafu l-veritajiet dwar il-każ ta' kif inħolqot it-tieni banda fil-Ħamrun. Il-verità u s-sewwa ma jista' jiċħadhom ħadd u jkun kollu għalxejn li wieħed jipprova jimmanipulahom kif jixtieq, għalkemm illum il-poplu m'għadux wisq fanatiku kif kienu l-antiki.

Ma tistax titkellem dwar l-oriġini tal-Banda San Gejtanu bla ma tirreferi għall-Banda San Ġużepp li kellha mano in pasta sewwa f'din il-ġrajja. Il-Każin ta' Fuq, kif aħna mdorrijin ngħidulu, twaqqaf fl-1889. Bla dubju mhux minn dejjem kien fil-każin fejn jinsab illum. Bħal ħafna baned oħra fil-bidu kellu każin umli. Ħadd ma beda bil-kbir u l-iżvilupp iseħħ maż-żmien. Biss kienet banda popolari u kellha għadd ġmielu ta' bandisti. Kienet tkun imsejħa biex tesegwixxi programmi f'diversi lokalitajiet u l-bandisti kienu jħossuhom onorati li qed iwieġbu għas-sejħa tal-banda tagħhom.

Imma għal xi raġuni, kienet għaddejja kwistjoni interna li kienet qed tinħema minn taħt. L-ishab baqa' jinġema' u fl-aħħar faqqgħet il-maltempata. Il-ħabib tiegħi Joseph Mifsud Matrenza (Alla jagħtih il-ġenna), bniedem sewwa u serju, kien afdali f'idejja l-ewwel ktieb tal-minuti tal-Banda San Ġużepp biex hekk inkun nista' nara s-sewwa u kif twettqu l-affarijiet.

Mela din il-Banda kienet mistiedna biex iddoqq il-Furjana, u mid-dati nifhem li l-istedina kienet għall-festa ta' San Publiju. Meta l-banda marret il-Furjana biex iddoqq instab li tliet bandisti ma attendewx bla ġustifikazzjoni. Hawn irridu nżommu quddiem għajnejna li dan hu nuqqas illum, u kien nuqqas ferm aktar gravi u serju fil-ħsieb ta' dak iż-żmien, meta l-President tal-Każin kien meqjus bħala figura ferm importanti fir-raħal u hekk din l-importanza kienet tmiss ukoll lill-Kumitat tiegħu.

Mela dawn it-tliet bandisti la għarrfu lis-Surmast u lanqas lid-Delegat tal-Banda, li ma kenux se jattendu. Is-Surmast ħassu offiż, kif ħassu offiż ukoll id-Delegat. Billi r-raġuni għal dan in-nuqqas ma kinitx ċara, dawn irrapportawhom lill-Kumitat biex jissejħu quddiemu.

Fis-seduta tat-30 ta' April 1906, tressqu quddiem il-Kumitat il-bandisti Gaetano Buttigieg, Salvatore Scicluna, u Carmelo Xuereb, biex iwieġbu għan-nuqqasijiet tagħhom. Dawn wieġbu li huma ma jdoqqux il-Furjana. Naturalment il-Kumitat





*Is-Surmast Antonio Miruzzi u s-Sur Temi Conti li kienu jmexxu l-Banda u l-Każin San Ġużepp meta nqalgħet il-kwestjoni*





*Francesco Buttigieg il-fundatur tal-Każin San Gejtanu u s-Sur Gavino Portelli l-ewwel President ta' din l-Għaqda*

ma għaġġilx biex jagħti d-deċiżjoni tiegħu u reġa' ltaqa' fil-5 ta' Mejju fejn talab lil Buttigieg jgħid għala ma riedx idoqq il-Furjana. F'seduta oħra fis-16 ta' Mejju, tressqu wkoll Albert (Bertu) Cordina u Gaetano Buttigieg biex jispjegaw in-nuqqas tagħhom. Cordina qal li hu ma jdoqqx il-Furjana minħabba l-familja. Il-Viċi President ħass li dan il-membru ma kienx qed jgħid is-sewwa u ma laqax din l-iskuża u għadda biex japplika r-regolamenti. Saret votazzjoni sigrieta u għaddiet li Cordina jitkeċċa mill-Każin u mis-Soċjetà. Dwar Buttigieg il-kumitat ħass li għandu jħalli l-każ tiegħu għal darb'oħra. Naturalment dawn id-deċiżjonijiet wittew it-triq għal aktar inkwiet u beda jinħass ċerta ferment u kommozzjoni.
Sadanittant Gaetano Buttigieg u ħutu, bandisti bħalu, kitbu lill-kumitat fejn urew id-diżapprovazzjoni tagħhom dwar kif kienu qed jittieħdu d-deċiżjonijiet u l-andament tagħhom. Fit-22 tal-istess xahar, il-kumitat ittratta l-insult dirett li rċieva l-istess kumitat mingħand Angelo u Francesco Buttigieg permezz ta' din l-ittra, li nifhmu kienet daqsxejn diretta . Saret Seduta Ġenerali li ddeċidiet li l-aħwa Buttigieg jiġu sospiżi mill-każin sakemm tittieħed deċiżjoni f'Seduta Ġenerali oħra.
Il-borma kompliet titħawwad għaliex fit-22 tax-xahar il-President qal li Buttigieg ġab ruħu ħażin miegħu, u dan il-każ ittieħed bl-akbar serjetà. Buttigieg talbu jgħidlu għaliex Cordina kien tkeċċa. Hawn Buttigieg qisu ried jisfida d-deċiżjoni meħuda għaliex daħal il-każin liebes ħażin u miegħu daħħal lil Cordina wara li dan kien tkeċċa. Bla dubju, Buttigieg ma kellu ebda dritt li jieħu l-liġi b'idejh wara d-deċiżjoni li kien ħa l-kumitat. Jista' jagħti l-każ li forsi ċerti azzjonijiet aħna ma nafuhomx u ma tniżżlux fil-minuti tas-seduta. Waqt is-Seduta (Ġenerali) għaddew għall-vot u r-riżultat kien 28 favur tkeċċija u 21 kontra.
Hawn ikun tajjeb li nikkwota kelma b'kelma dak li kiteb is-Sur Mifsud Matrenza fil-ktieb tiegħu li ħareġ fl-1989 (f'għeluq iċ-ċentinarju tal-Banda San Ġużepp). Kiteb: *'Din id-deċiżjoni qajmet reazzjoni fost il-bandisti li protestaw bil-qawwa kontra din is-sentenza ħarxa li dehrilhom li t-tkeċċija ta' dan il-bandist kienet ferm inġusta. Tnejn minn dawn il-bandisti sħabu ġew ukoll imkeċċija mill-Każin permezz ta' Seduta Ġenerali minħabba nuqqas ta' stima u rispett li wrew lejn il-President u l-Uffiċjali tal-Kumitat. Bħala riżultat ta' dan, grupp ta' bandisti flimkien ma' soċi sostenituri telqu lis-Soċjetà San Ġużepp u ftit xhur wara fformaw banda għalihom li kienet il-Banda San Gejtanu.'*



*Il-Banda San Gejtanu mal-ewwel Surmast tagħha, Mro. Ġużeppi Sammut. L-ewwel dehra pubblika tal-Banda saret lejlet il-festa tal-1906, 44 biss jum wara t-twaqqif tal-Għaqda*



*Il-Banda San Gejtanu fl-ewwel marċ tagħha ta' nhar il-festa fl-1906*

Fid-19 ta' Lulju, saret proposta minn Carmelo Pace li ħadd mis-soċi tas-Soċjetà San Ġużepp ma kellu jifforma parti bħala membru tal-Kumitat tal-Banda San Gejtanu. Imma l-Kaxxier talab li din id-deċiżjoni għandha tittieħed mill-Kumitat.
Sadanittant il-Banda San Gejtanu ġiet iffurmata b'każin għaliha. Naturalment saret l-inawgurazzjoni tiegħu. Ma nafux jekk hux b'ġest ta' ħbiberija jew jekk hux b'ġest ta' inkejja, nhar it-3 ta' Awwissu 1906 il-Kumitat tal-Banda San Ġużepp irċieva stedina għal din l-inawgurazzjoni. L-invit tressaq għall-vot u 6 kienu favur u 3 kienu kontra.
Fuq petizzjoni magħmula minn 30 bandist saret laqgħa b'urġenza li ddeċidiet li ħadd mill-membri tal-Kumitat tal-Banda San Ġużepp m'għandu jattendi għall-inawgurazzjoni tal-Banda San Gejtanu. Il-President tal-Banda San Ġużepp kiteb lill-President tal-Banda San Gejtanu li l-Kumitat tiegħu se jkollu jibqa' newtrali fl-inawgurazzjoni tal-Banda San Gejtanu minħabba l-petizzjoni tat-30 bandist. Kien mistenni dak li seħħ fil-25 ta' Awwissu 1906 meta s-Soċjetà San Ġużepp, fuq talba ta' Carmelo Pace, iddeċidiet li ħadd mill-membri tal-Kumitat u lanqas mill-membri ordinarji tas-Soċjetà San Gejtanu, ma jistgħu jissieħbu fis-Soċjetà San Ġużepp. Hekk huma l-fatti kif tnisslet u twieldet l-Għaqda tal-Mużika San Gejtanu, li żżomm il-jum tal-24 ta' Ġunju 1906 bħala Jum it-Twaqqif tagħha għax dakinhar imħeġġa minn Franceso Buttigieg dawk kollha li kienu mdaħħla f'din il-kwestjoni ddeċidew u waqqfu l-Banda San Gejtanu, li 44 jum wara, nhar is-6 ta' Awwissu 1906 kellha l-inawgurazzjoni tagħha meta daqqet lejlet il-festa u kien inawgurat il-każin. U dawn il-fatti u din il-ġrajja kollha wasslu wkoll biex feġġew il-laqmijiet li llum il-baned tagħna jżommu b'unur, għad li l-ħsieb oriġinali żgur ma kellux intenzjoni ta' xi unur. Dan għaliex dawk il-bandisti u ammiraturi li telqu lill-Banda San Ġużepp bdew jgħajtu 'X'għamilnilha lill-banda MISKINA, u kif ġiet fix-xejn!' Ir-risposta malajr ħarġet għax ħdejn il-każin ġdid tal-Banda San Gejtanu kien hemm Grabiel jagħmel l-imqaret tat-tamal, u bi tweġiba inkejjuża il-banda l-ġdida ssejħet il-Banda TAT-TAMAL.
U s-snin imxew u llum fl-2015 dawn iż-żewġ baned insibuhom jaħdmu qatigħ bi ħbiberija bejniethom għall-ġid tal-arti mużikali, għall-iżvilupp tal-lokal, u għas-sodisfazzjon ta' kull Ħamruniż ġenwin.